Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris. (Eur. Law)

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Silvio Grima, Alan Brincat u Leslie Vella

Illum 27 ta' Dicembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra t-tlett imputati fuq imsemmija Silvio Grima, iben Carmel u Marianne nee' Cutajar, imwieled Fgura fid-29 ta' Mejju, 1975 u detentur ta' karta tal-identita bin-numru 271275(M), Alan Brincat, iben Joseph u Carmen nee' Azzopardi, imwieled Pieta fit-30 ta' Lulju, 1973 u detentur tal-karta ta l-identita bin-numru 37973(M) u Leslie Vella, iben George u Jacky nee' Rimmel, imwieled Pieta fl-4 ta' Marzu, 1976 u detentur ta' karta tal-identita bin-numru 167076(M), li permezz taghhom huma gew akkuzati talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess desposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' :

a) talli fil-Qawra nhar l-14 ta' Mejju, 1998 f'xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' television tal-marka "Samsung", video recorder tal-marka "Akai" u "CD Player" tal-marka "Sony" mill-fond li jgib l-isem "Joslyn Flats" numru 7, Triq Qiuntinius, liema serq huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-mezz, valur u lok, liema serq sar ghad-detriment ta' Johny Martinus Van Doorn mill-Qawra;

b) talli f'Had-Dingli f'xi jum matul ix-xahar ta' Mejju, 1998 ghall-habta ta' nofs il-lejl ikkommettew serq ta' television u video recorder it-tnejn tal-marka "Seleco" mill-fond tal-kumpanija bl-isem Mitts, liema serq huwa kkwalifikat bi vjolenza numerika, bil-valur, hin u bil-persuna liema serq sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' l-istess kumpanija;

c) aktar talli, fl-14 ta' Mejju, 1998, u l-granet ta' wara, f'Malta xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew

xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

d) talli fl-14 ta' Mejju, 1998 volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bieb tal-fond "Joslyn Flats" numru 7, Triq Quintinius, Qawra liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri Maltin (LM10) imma mhux aktar minn hamsin lira Maltin (LM50) ghad-detriment ta' Francis Agius minn Haz-Zebbug;

Rat in-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tat-23 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront tal-imputati kollha:

(a) Fl-Artikoli 18, 261 (a)(b)(c)(e), 262 (I)(b), 263, 267, 269, 277(b), 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 325 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lit-tlett imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi kollha li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lit-tlett imputati debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u dan waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru, 2001;

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tat-tlett imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom il-Qorti issib lit-tlett imputati fuq imsemmija hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu tat-23 ta' Frar tas-sena 2000.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi t-tlett imputati fuq imsemmija ikkopperaw mal-pulizija matul l-investigazzjoni u dana kif jirrizulta mill-istess stqarrijiet illi huma irrilaxxjaw lill-pulizija.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-oggetti kollha misruqa gew rikuperati mill-pulizija, kif ukoll il-fatt illi t-tlett imputati fuq imsemmija irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti ezaminat ukoll il-fedini penali tat-tlett imputati fuq imsemmija u irrizultalha illi l-fedina penali ta' Alan Brincat u ta' Leslie Vella huma netti, filwaqt illi l-fedina penali ta' Silvio Grima hija relattivament netta. Fil-fatt Silvio Grima wehel ammenda ta' hmistax il-lira fl-24 ta' Novembru, 1995 peress illi kien ghamel gest oxxen fil-pubbliku u ghalhekk huwa gie misjub hati ta' kontravvenzjoni. Il-Qorti wara li ikkunsidrat dawn il-fatti kollha tara li piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u jkun ferm aktar ghaqli kemm ghat-tlett imputati fuq imsemmija u kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi t-tlett imputati jinghataw opportunita sabiex jaqbdu t-triq it-tajba u ma jikkommettux reati aktar. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 filwaqt illi tillibera lit-tlett imputati fuq imsemmija taghmel dan b'kundizzjoni illi huma ma jaghmlu l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta'

prigunerija matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur